MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2008

Talba Numru. 592/2008

**Anthony sive Twanny Schembri (ID 454559 M) u martu Marlene Schembri (ID 101061 M)**

**vs**

**Alhayfaa Company Limited (C 30956)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas mill-konvenuti jew min minnhom ta' elfejn, hames mija tnejn u sittin Ewro u wiehed u tletin centezmu (€2,562.31) rapprezentanti skadenzi ta' hames snin kera di fermo ta' €512.46 fix-xahar dovuti ghall-perjodu mit-3 ta' Ottubru, 2007 sat-3 ta' Marzu, 2008 fir-rigward tal-fond mikri mis-socjeta' konvenuta, f'121 Triq San Bastjan, Qormi skond il-kuntratt tal-kera anness mat-talba mmarkat Dok. A.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 2178/08 u bl-imghaxijiet bir-rata skond l-Artiklu 26A tal-

Kodici tal-Kummerc dekorribbli mid-data li fiha kienu dovuti skadenzi relattivi sad-data tal-pagament effettiv u b'rizerva ghal kwalunkwe' azzjoni ghad-danni spettanti lill-mittenti skond il-ligi.

Ra illi s-socjeta' konvenuta kienet kontumaci izda ra wkoll illi giet prezentata risposta tardiva. Ra illi d-difensur ta` l-atturi talab fl-ewwel seduta, l-isfilz tar-risposta . Ra illi ma kienx hemm talba ghal gustifikazzjoni tal-kontumacja. It-Tribunal iddifferixxa l-kawza sabiex jinstemghu l-provi attrici.

Illi fis-seduta sussegwenti dehru d-difensuri tal-partijiet izda rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta imsejjha tlett darbiet ma dehrux.

It-Tribunal sema` x-xhieda ta' Anthony u Marlene Schembri fejn ikkonfermaw illi l-ammont ghadu dovut u spjegaw il-fatti tal-kaz kif svolgew u l-atturi ghalqu l-provi taghhom. Is-socjeta' konvenuta giet imsejha ghal tlett darbiet, izda ma deher hadd sabiex jirrapprezenta l-kumpanija u sabiex jiddefendi l-kontumacja u ghat-tieni darba r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta naqas li jidher ghas-seduta.

It-Tribunal ra illi ghalkemm is-socjeta` konvenuta kienet debitament notfikata qatt ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal izda deher biss id-difensur taghha.

Wara li nstemghu l-provi attrici t-Tribunal iddifferixxa l-kawza ghas-sentenza.

It-Tribunal jidhirlu illi l-atturi ppruvaw il-kaz taghhom quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elfejn, hames mija, tnejn u sittin Ewro u wiehed u tletin centezmu (€2,562.31), bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

Spejjez tal-kawza ghas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------